

Brussell, 1 ta' Lulju 2022  
(OR. en)

10596/22

ECOFIN 659  
UEM 181  
SOC 395  
EMPL 267  
COMPET 537  
ENV 654  
EDUC 258  
RECH 405  
ENER 327  
JAI 939  
GENDER 118  
ANTIDISCRIM 92  
JEUN 130  
SAN 410

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) / Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN rigward ir-Rapport dwar is-Sostenibbiltà Fiskali 2021

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport dwar is-Sostenibbiltà Fiskali 2021, kif imħejji mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju fid-29 u t-30 ta' Ġunju 2022.

## RAPPORT DWAR IS-SOSTENIBBILTÀ FISKALI 2021

– Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN –

Il-Kunsill (ECOFIN):

1. JILQA' r-"Rapport dwar is-Sostenibbiltà Fiskali 2021" tal-Kummissjoni, li jaġġorna l-valutazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà fiskali madwar l-Unjoni Ewropea, abbażi ta' approċċ multidimensjonali arrikkit u tal-kontribut tar-Rapport dwar it-Tixjiħ 2021. JIRRIKONOXXI t-titjib metodoloġiku introdott fir-rapport, speċjalment is-simplifikazzjoni u l-irfinar tal-Analiżi tas-Sostenibbiltà tad-Dejn billi tqiesu wkoll l-impatt tal-investment li għab miegħu NextGenerationEU fuq it- tkabbir fuq terminu medju tal-PDG u l-preżentazzjoni ta' analiżi li turi r-riskji fiskali marbuta mat-tibdil fil-klima fl-analiżi, filwaqt li jinnota li s'issa l-impatt potenzjali tar-riformi li għab miegħu NextGenerationEU fuq it- tkabbir fuq terminu medju tal-PDG ma tqiesx fl-analiżi. JAFFERMA MILL-ĠDID il-funzjonijiet differenti tal-analiżi tas-sostenibbiltà fiskali tal-Kummissjoni, inkluż l-identifikazzjoni tar-riskji fiskali potenzjali fl-Istati Membri biex isiru rekwiżiti u rakkomandazzjonijiet ta' politika infurmati fil-kuntest tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u tas-Semestru Ewropew. JIRRIKONOXXI li l-aġġornament fil-Pakkett tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni jikkonferma b'mod ġenerali s-sejbiet tar-Rapport dwar is-Sostenibbiltà Fiskali 2021, bi fteit tibdiliet li dehru fil-klassifikazzjoni tar-riskju.

2. JIEĦU NOTA tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li, b'mod ġenerali, ir-riskji fiskali imminenti jidhru li huma limitati fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, għalkemm għad fadal vulnerabbiltajiet fiskali u makroekonomiċi. Il-finanzjament ta' NextGenerationEU u l-impatt fuq it- tkabbir tal-investimenti skont il-Faċilità tal-Irkupru u r-Reżiljenza jaqdi rwol importanti biex itaffi r-riskji fuq perjodu qasir. Madankollu, livelli għolja ta' dejn, li komplew jogħlew b'konsegwenza tal-kriżi tal-Covid-19, u pożizzjonijiet ta' investment internazzjonali netti li fxi Stati Membri kienu negattivi ħafna, jirrappreżentaw sors importanti ta' vulnerabbiltà fuq perjodu qasir.

3. JIEĦU NOTA tal-fatt li fuq perjodu medju, b'politiki li ma jinbidlux, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni turi li diversi Stati Membri jħabbtu wiċċhom ma' riskji għolja, l-aktar minħabba livelli elevati tad-dejn tal-gvern u trajettorji ta' dejn dejjem akbar, li jirriflettu pożizzjoni fiskali inizjali dgħajfa u, f'xi każijiet, projezzjonijiet ta' żidiet fl-infiq pubbliku marbut mal-età, kif ukoll sensitività għal xokkijiet negattivi, inkluż differenza inqas favorevoli bejn ir-rata tal-imgħax u t-tkabbir. JIRRIKONOXXI li fil-valutazzjoni jitqiesu fatturi oħra: minn naħa, l-obbligazzjonijiet kontinġenti, speċjalment dawk marbuta mal-garanziji tal-gvern, huma sors addizzjonali ta' riskju; min-naħa l-oħra, l-istruttura mtejbja tad-dejn tal-gvern, partikolarment permezz ta' maturitajiet medji estiżi, u l-impatt favorevoli mistenni tar-riformi strutturali skont il-Faċilità tal-Irkupru u r-Reżiljenza jirrappreżentaw fatturi li jtaffu r-riskju. JINNOTA l-inċertezza eċċezzjonali fuq il-prospetti ekonomiċi maħluqa mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-isfidi li jirriżultaw mil-livelli ogħla ta' inflazzjoni.

4. JIEĦU NOTA tal-fatt li fuq perjodu twil, b'politiki li ma jinbidlux, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni turi li diversi Stati Membri jħabbtu wiċċhom ma' riskji għolja, l-aktar minħabba ż-żidiet previsti fl-ispejjeż tat-tixjiħ, u f'xi każijiet minħabba vulnerabbiltajiet marbuta ma' livelli ogħla ta' dejn tal-gvern. IFAKKAR fl-isfidi importanti għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi matul perjodu twil imposti mill-bidla demografika.

5. JIRRIKONOXXI li l-livelli għolja ta' dejn pubbliku jistgħu jxekklu t-tkabbir ekonomiku u jnaqqsu l-kapaċità tal-Istati Membri li jipprovdu stabbilizzazzjoni kontroċiklika f'każijiet ta' reċessjoni ekonomika ulterjuri, u jistgħu jinvolvu effetti kollaterali negattivi b'mod partikolari fiż-żona tal-euro.

6. JENFASIZZA li s-sejbiet tar-Rapport dwar is-Sostenibbiltà Fiskali 2021 jappellaw biex, ladarba l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, jiġu segwiti politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li jsaħħu l-investment, fost affarijiet oħra biex jitwettqu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. JIRRIKONOXXI li l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali ppjanati, inkluż dawk skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi maħruġa skont is-Semestru Ewropew, ser ikunu element importanti għat-tnaqqis tar-riskji ta' sostenibbiltà fiskali. JENFASIZZA li l-kombinazzjoni xierqa ta' politiki li jittrattaw l-isfidi fis-sostenibbiltà fiskali għandha tiffoka fuq żieda fit-tkabbir, finanzi pubbliċi sodi, inkluż bir-riforma fil-pensjonijiet, is-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul, u l-iżgurar tal-istabbiltà makrofinanzjarja. JINNOTA li l-isfida tat-tibdil fil-klima tappella lill-Istati Membri biex kull ma jmur iqisu l-implikazzjonijiet tiegħu fl-ippjanar baġitarju, flimkien mal-politiki effettivi ta' mitigazzjoni u adattament.

7. JAFFERMA MILL-ĠDID il-ħtieġa li tissokta l-azzjoni politika xierqa fl-oqsma kollha marbuta mal-età filwaqt li jitqiesu s-sitwazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u jiġu evitati miżuri li jregġġghu lura r-riformi diġà mwettqa għat-tisħiħ tas-sostenibbiltà. Dawn jinkludu t-teħid ta' passi oħra biex togħla l-età effettiva tal-irtirar, billi fost l-oħrajn tiġi promossa parteċipazzjoni itwal u akbar fis-suq tax-xogħol, u jiġi evitat il-ħruġ bikri minnu, filwaqt li titqies l-evoluzzjoni tal-istennija tal-għomor fit-tfassil tas-sistemi tal-pensjoni.

8. JAPPELLA lill-Istati Membri, speċjalment dawk li jinsabu friskju għoli ta' sostenibbiltà fuq perjodu medju, biex għal wara l-2023, isegwu politika fiskali mmirata biex tilħaq pożizzjonijiet prudenti fuq perjodu medju u tiżgura tnaqqis kredibbli u gradwali tad-dejn u sostenibbiltà fiskali fuq perjodu medju permezz tal-konsolidazzjoni, l-investment u r-riformi gradwali f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi. JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex iqisu s-sejbiet tar-rapport fl-analiżijiet tagħhom, ir-rekwiżiti sussegwenti ta' politika u r-rakkomandazzjonijiet fil-qafas tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u tas-Semestru Ewropew. Dawn l-istrateġiji u l-iżviluppi tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi ser ikomplu jiġu ssorveljati b'mod regolari mill-Kunsill u l-Kummissjoni, inkluż permezz tal-inkorporazzjoni fil-valutazzjoni tagħhom ta' żviluppi ġodda f'kundizzjonijiet makroekonomiċi u finanzjarji, politiki fiskali u riformi strutturali, l-aktar fl-oqsma tal-pensjonijiet u s-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul.

9. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex twettaq il-valutazzjoni ġenerali, regolari u fil-fond tagħha tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi sa kmieni fl-2025 bl-użu, fost l-oħrajn, ta' projezzjonijiet għanefqa aġġornati marbuta mal-età fir-Rapport li jmiss fl-2024 dwar it-Tixjiħ, u tinforma fil-ħin lill-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill dwar reviżjonijiet rilevanti għall-metodoloġija sottostanti tal-Analiżi tas-Sostenibbiltà tad-Dejn. Dan jinkludi fost l-oħrajn aktar titjib fil-metodoloġiji għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tkompli l-ħidma tagħha fuq l-analiżi tar-riskji fiskali marbuta mat-tibdil fil-klima. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex matul dak iż-żmien taġġorna regolarment il-valutazzjoni tagħha tas-sostenibbiltà (permezz tal-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn). Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u l-Kumitat tal-Politika Ekonomika għandhom jirrapportaw lura lill-Kunsill abbażi tal-valutazzjoni ġenerali fil-fond.

---